CooperSurgical
Fertility and Genomic Solutions

## A. DWAR DIN IL-POLITIKA

Aħna impenjati li nipprovdulek prodotti u servizzi professjonali u ta' valur waqt li nissalvagwardjaw il-privatezza tiegħek.

Din il-Politika dwar il-Privatezza tad-Data (ukoll "**il-Politika**") tiddeskrivi meta, għaliex u kif niġbru, nużaw u nittrattaw b'xi mod ieħor (kollettivament "**il-proċess**s") l-informazzjoni personali dwar il-klijenti tagħna, il-klijenti potenzjali, l-imsieħba fin-negozju u l-utenti tas-siti web tagħna ("i**s-Suġġetti tad-Data**"). Id-"**Data Personali**" hija kwalunkwe informazzjoni rrelatata miegħek, li tista' tintuża biex inti tkun identifikat personalment, kemm direttament kif ukoll indirettament.

Aħna nistgħu nipproċessaw id-Data Personali tiegħek, kif deskritt f'din il-Politika dwar il-Privatezza tad-Data u kif deskritt meta aħna niġbru d-data mingħandek. Il-Politika dwar il-Privatezza tagħna trid tinqara flimkien ma' kwalunkwe avviż legali jew termini u kundizzjonijiet oħrajn ipprovduti lilek meta aħna niġbru d-data mingħandek (jew fi stadju aktar tard) jew li huma disponibbli f'paġni oħrajn tas-sit web tagħna.

Fejn tuża s-siti web tagħna, aħna nipproċessaw id-Data Personali tiegħek miġbura billi nużaw il-cookies f'konformità mal-Politika dwar il-Cookies tagħna. Jekk jogħġbok ara l-Politika dwar il-Cookies tagħna.

## B. MIN HU RESPONSABBLI GĦAD-DATA TIEGĦEK?

Aħna, CooperSurgical, bis-sede fl-Ewropa ġo: Knardrupvej 2, 2760 Målov, Id-Danimarka – aħna l-kontrollur tad-data tad-Data Personali tiegħek. Nistgħu niġu kkuntattjati f'dpo@coopersurgical.com.

Fejn CooperSurgical tikkondividi d-Data Personali mal-Affiljati ta' CooperSurgical (l-"**Affiljati**", li tfisser is-sussidjarji tagħna, il-kumpanija omm apikali tagħna u s-sussidjarji tagħha), l-Affiljati huma wkoll kontrolluri tad-data kif spjegat f'din il-Politika dwar il-Privatezza tad-Data. Id-dettalji tal-Affiljati, inkluż il-post fejn jinstabu, huma elenkati hawn taħt.

**CooperSurgical Fertility & Genomic Solutions (Is-Sede)**
Knardrupvej 2
2760
Måløv
Id-Danimarka
Telefown: +45 46790200
Servizz għall-Klijenti: +45 46790202
Fax: +45 46790302
Email: customerservice@origio.com

**ORIGIO France**
93, rue des
Chantiers 78000
Versailles Franza
Telefown:+33 (0)1 30 97 48 00
Fax: +33 (0)1 30 97 10 85
Email: ikkuntattja lil-france@origio.com

**ORIGIO ITALIA S.p.A.**
Viale Shakespeare, 47, int 2/A
00144  Roma Eur
Telefown: +39 055 571476 – 5048335
Fax: +39 055 5000889
Email: Contact-IT@coopersurgical.com

**ORIGIO MediCult España S.L**
World Trade Center
Moll de Barcelona s/nº
Edificio Nord, Pl. 4ª, módulos 414-415
08039 Barċellona, Spanja
Telefown: +34 93 199 81 18
Telefown: +34 93 199 81 19
Fax: +34 93 362 36 11
Email: barcelona@origio.com

**ORIGIO GmbH**
Leibnizstraße 32
10625
Berlin Il-
Ġermanja
Telefown: +49 30 8573 0150
Fax: +49 30 8573 0151
Email: info@origio.com

**CooperSurgical**
95 Corporate Drive
Trumbull, CT
06611 L-Istati
Uniti tal-Amerka
Telefown: 800-648-1151
Servizz għall-Klijenti: 856-762-
2000 Fax: 856-762-2009
Email: orders@origio.us.com

**ORIGIO Benelux B.V.**
Bergseweg 4

3633AK
Vreeland L-
Olanda
Telefown: +31 (0) 294 267126
Fax: +31(0) 294 230606
Email: salesbx@origio.com

**CooperSurgical UK**
Hamilton House
Mabledon Place Londra
WC1H
9BB Ir-
Renju
Unit
Email: customerservice.uk@origio.com

**CooperGenomics Nottingham**
Medicity
D6
Building
Thane
Road
Nottingham, Ir-Renju Unit, NG90 6BH

**CooperGenomics MI**
705 S Main St.
Plymouth, MI, L-Istati Uniti tal-Amerka 48170

**CooperGenomics CA**
Olympic Plaza Building
11500 Olympic Blvd. Suite
360
Los Angeles, CA, L-Istati Uniti tal-Amerka 90064

**CooperGenomics TX**
1200 Binz St. Suite
1180 Houston, TX, L-
Istati Uniti tal-
Amerka 77004

**Research
Instruments**
Bickland Industrial
Park Falmouth,
Cornwall, Ir-Renju
Unit TR11 4TA

F'din il-Politika dwar il-Privatezza tad-Data, ir-referenzi għal "aħna", "magħna" jew "tagħna" jfissru CooperSurgical u/jew l-Affiljati. Ir-referenzi għal "inti" jew "tiegħek" huma għas-Suġġetti tad-Data.

## C. LIEMA DATA NIPPROĊESSAW U GĦALIEX?

**It-tipi ta' informazzjoni li aħna nistgħu niġbru mingħandek, skont kif inti tirreaġixxi magħna (pereżempju kif inti tuża s-siti web tagħna), u l-għanijiet tal-ipproċessar jinkludu:**

| Il-Kategorija tas-Suġġett tad-Data | It-tip ta' informazzjoni | L-għanijiet tal-ipproċessar | Il-bażi legali tal-ipproċessar |
|---|---|---|---|
| Kliniċi u Tobba | • ismek<br>• l-indirizz tiegħek (tan-negozju u personali)<br>• l-indirizz elettroniku tiegħek l-indirizz<br>• in-numri tat-telefown tiegħek (tan-negozju u personali)<br>• il-kronoloġija tax-xiri tiegħek<br>• It-titlu tax-xogħol<br>• Is-Settur tal-Impjieg Il-kanali tal-media | • biex nibgħatulek il-prodotti mixtrija mingħandna<br>• biex infornulek is-servizzi mixtrija mingħandna<br>• it-twettiq ta' ftehim miegħek li għandna fis-seħħ, inkluż il-ġbir ta' ħlasijiet mingħandek, nibagħtu l-fatturi, rendikonti, infakkruk dwar it-tiġdid tas-servizz u nfakkruk dwar il-ħlasijiet<br>• biex nibagħtulek komunikazzjonijiet kummerċjali li mhumiex tal-marketing<br>• biex nibgħatulek komunikazzjonijiet tal-marketing (inklużi n-newsletters elettroniċi tagħna) li jirrelataw mal-prodotti jew is-servizzi tagħna, jekk inti tkun tlabthom | • biex inkunu konformi mal-obbligi legali u regolatorji tagħna<br>• it-twettiq ta' ftehim miegħek li għandna fis-seħħ<br>• il-kunsens tiegħek (jekk mitlub u pprovdut) |

| Il-Kategorija tas-Suġġett tad-Data | It-tip ta' informazzjoni | L-għanijiet tal-ipproċessar | Il-bażi legali tal-ipproċessar |
|---|---|---|---|
| Klijenti potenzjali | • ismek<br>• l-indirizz tiegħek (tan-negozju u personali)<br>• l-indirizz elettroniku tiegħek<br>• in-numri tat-telefown tiegħek (tan-negozju u personali) | • biex nibgħatulek komunikazzjonijiet tal-marketing (inklużi n-newsletters elettroniċi tagħna) li jirrelataw mal-prodotti tagħna, is-servizzi, aħbarijiet xjentifiċi u settorjali jekk inti tkun tlabthom | • il-kunsens tiegħek (jekk mitlub u pprovdut) |
| Il-klijenti (inklużi l-kliniċi | • ismek<br>• l-indirizz tiegħek (tan-negozju u personali)<br>• l-indirizz elettroniku tiegħek<br>• in-numri tat-telefown tiegħek (tan-negozju u personali)<br>• it-titlu tal-impjieg, l-irwol tiegħek | • biex nibgħatulek il-prodotti mixtrija mingħandna<br>• biex infornulek is-servizzi mixtrija mingħandna<br>• it-twettiq ta' ftehim miegħek li għandna fis-seħħ, inkluż il-ġbir ta' ħlasijiet mingħandek, nibagħtu l-fatturi, rendikonti, infakkruk dwar it-tiġdid tas-servizz u nfakkruk dwar il-ħlasijiet<br>• biex nibagħtulek komunikazzjonijiet kummerċjali li mhumiex tal-marketing<br>• biex nibgħatulek komunikazzjonijiet tal-marketing (inklużi n-newsletters elettroniċi tagħna) li jirrelataw mal-prodotti jew is-servizzi tagħna, jekk inti tkun tlabthom | • biex inkunu konformi mal-obbligi legali u regolatorji tagħna<br>• it-twettiq ta' ftehim miegħek li għandna fis-seħħ<br>• il-kunsens tiegħek (jekk mitlub u pprovdut) |

| Il-Kategorija tas-Suġġett tad-Data | It-tip ta' informazzjoni | L-għanijiet tal-ipproċessar | Il-bażi legali tal-ipproċessar |
|---|---|---|---|
| Bejjiegħa u bejjiegħa potenzjali | • ismek<br>• l-indirizz tiegħek (tan-negozju u personali)<br>• l-indirizz elettroniku tiegħek<br>• in-numri tat-telefown tiegħek (tan-negozju u personali)<br>• it-titlu tal-impjieg, l-irwol tiegħek | • li jordnaw prodotti u servizzi mingħandek<br>• li jistaqsu dwar prodotti u servizzi li jista' jkun li inti tfornilna<br>• biex nibagħtulek komunikazzjonijiet kummerċjali li mhumiex tal-marketing<br>• it-twettiq ta' ftehim miegħek li għandna fis-seħħ, inkluż il-ħruġ ta' ordnijiet tax-xiri lilek u li jsiru ħlasijiet lilek | • biex inkunu konformi mal-obbligi legali u regolatorji tagħna<br>• it-twettiq ta' ftehim miegħek li aħna miegħek li għandna fis-seħħ<br>• il-kunsens tiegħek (jekk mitlub u pprovdut) |
| L-utenti tas-siti web tagħna | • cookies<br>• l-indirizz tal-IP<br>• il-post ġeografiku fejn jinstabu<br>• it-tip u l-verżjoni tal-brawżer<br>• is-sistema operattiva<br>• informazzjoni rigward iż-żjarat tiegħek fis-siti web u l-użu tagħhom | • biex namministraw is-siti web tagħna<br>• biex nippersonalizzaw is-siti web tagħna<br>• biex nippermettulek l-użu tas-servizzi disponibbli fis-siti web tagħna | • biex inkunu konformi mal-obbligi legali u regolatorji tagħna<br>• it-twettiq ta' ftehim miegħek li aħna miegħek li għandna fis-seħħ<br>• il-kunsens tiegħek (jekk mitlub u pprovdut) |

**L-għanijiet tan-negozju tagħna** – aħna nistgħu nużaw id-Data Personali tiegħek ukoll għall-għanijiet interni tan-negozju tagħna (l-interessi leġittimi tagħna) bħal:

- iż-żamma tar-rekords, l-analiżi tal-istatistika, ir-rapportar intern u l-finijiet tar-riċerka;

- biex ninvestigaw kwalunkwe lment li inti tagħmel;
- biex nipprovdu l-evidenza fi kwalunkwe tilwim jew tilwim antiċipat bejnek u aħna;
- għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi, reati kriminali oħrajn u għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju;
- għall-irkupru tan-negozju u tad-diżastri (pereżempju biex noħolqu l-back-ups);
- biex niżguraw is-sigurtà tan-netwerk u l-informazzjoni;

- biex nikkuntattjawk bħala rappreżentant ta' kumpanija li hija klijenta jew bejjiegħa fir-rigward tar-relazzjoni tagħna ma' dik il-kumpanija;
- biex nikkuntattjawk bħala rappreżentant ta' kumpanija li aħna nqisuha bħala klijenta potenzjali jew bejjiegħa;
- biex nikkuntattjawk fir-rigward ta' kawżi ta' karità li aħna nappoġġjaw;
- biex nospitaw, inżommu u bi kwalunkwe mod nissapportjaw l-operat tas-siti web tagħna, ikluż li nippersonalizzaw diversi aspetti tas-siti web tagħna biex intejbu l-esperjenza tiegħek;
- għaż-żamma/ħżin tad-dokumenti u d-data;
- biex nipproteġu d-drittijiet, il-proprjetà, u/jew is-sikurezza ta' CooperSurgical, kwalunkwe Affiljat, il-persunal tagħha u oħrajn; u
- biex niżguraw il-kwalità tas-servizzi li nipprovdu lill-klijenti tagħna u Suġġetti tad-Data oħrajn.

Aħna nemmnu li r-riskju għad-drittijiet tiegħek għall-protezzjoni tad-data fir-rigward tad-Data Personali li aħna nipproċessaw abbażi tal-interessi leġittimi tagħna mhuwiex eċċessiv jew intrusiv wisq. Aħna stabbilixxejna wkoll protezzjonijiet għad-drittijiet tiegħek billi niżguraw perjodi xierqa ta' żamma u kontrolli tas-sigurtà.

Barra minn hekk, nistgħu nużaw id-Data Personali tiegħek għal għanijiet speċifiċi addizzjonali li jkunu ċċarati fil-punt tal-ġbir tad-Data Personali tiegħek.

Jekk tagħżel li ma tipprovdix id-Data Personali mitluba minna, nistgħu ma nkunux kapaċi nipprovdulek il-prodotti u/jew is-servizzi li tkun tlabt jew b'xi mod ieħor nissodisfaw l-għan(ijiet) li għalih(om) inkunu tlabna d-Data Personali.

## D. KIF U META NIKKONDIVIDU D-DATA MA' PARTIJIET TERZI?

Xi prodotti u/jew servizzi li aħna nipprovdu jirrikjedu l-involviment ta' partijiet terzi. Aħna ma nbiegħux, ma nikrux, ma niddistribwixxux jew b'xi mod ieħor nagħmlu d-Data Personali disponibbli kummerċjalment lil xi parti terza, ħlief li nistgħu nikkondividu informazzjoni fi ħdan il-grupp ta' kumpaniji tagħna, mal-fornituri tas-servizzi tagħna u partijiet terzi oħrajn għall-finijiet stabbiliti f'din il-Politika:

### a) Il-kondiviżjoni tad-data fi ħdan il-grupp CooperSurgical

CooperSurgical tista' tikkondividi d-Data Personali tiegħek mal-Affiljati:

- fejn ikollna bżonn nagħmlu hekk sabiex nipprovdu l-prodotti u/jew is-servizzi jew informazzjoni li inti tkun tlabt; pereżempju, aħna nittrasferixxu d-Data Personali tiegħek fl-Istati Uniti tal-Amerka u l-Afrika t'Isfel.
- jekk tagħtina l-kunsens biex nagħmlu hekk (pereżempju meta tagħtina l-kunsens għall-komunikazzjonijiet tal-marketing mal-Affiljati)

**b) Il-kondiviżjoni tad-data mal-fornituri tas-servizzi**

Aħna nikkondividu wkoll id-Data Personali tiegħek ma' partijiet terzi li huma l-fornituri tas-servizzi tagħna, li aħna ningaġġaw biex jipprovdu diversi servizzi, fir-rigward ta':

- il-kunsinna tal-prodotti tagħna (pereżempju l-kurjers u l-kliniċi);
- is-servizzi tal-marketing u tar-reklamar (pereżempju l-aġenziji tal-marketing, l-aġenziji interattivi, il-fornituri tas-soluzzjonijiet tal-posta elettronika);
- is-siti web tagħna (pereżempju l-hosting u ż-żamma tas-siti web tagħna);
- is-servizzi u s-soluzzjonijiet tal-IT (pereżempju jipprovdu l-ħżin tad-data, jgħinuna fil-ġestjoni tal-bażijiet tad-data);

Aħna għażilna bir-reqqa lil dawn il-fornituri tas-servizzi u ħadna passi biex niżguraw li d-Data Personali tiegħek tiġi protetta adegwatament. Il-fornituri tas-servizzi tagħna kollha huma marbuta b'kuntratt miktub biex jipproċessaw id-Data Personali pprovduta lilhom biss għall-finijiet li jipprovdu s-servizz speċifiku lilna u biex iżommu miżuri adatti ta' sigurtà sabiex jipproteġu d-Data Personali tiegħek.

**c) Il-kondiviżjoni tad-data ma' riċevituri oħra**

Aħna nistgħu nikkondividu wkoll id-Data Personali tiegħek ma':

- l-accountants, l-awdituri, l-avukati jew konsulenti simili tagħna meta nistaqsuhom biex jipprovdulna pariri professjonali;
- kwalunkwe parti terza oħra jekk għandna d-dmir li niżvelaw jew nikkondividu d-Data Personali tiegħek sabiex inkunu konformi ma' xi obbligu legali, jew biex nipproteġu d-drittijiet, il-proprjetà, u/jew is-sikurezza ta' CooperSurgical, kwalunkwe Affiljat, il-persunal tagħha u oħrajn;
- kwalunkwe parti terza oħra għall-finijiet li naġixxu f'konformità mar-rekwiżiti ta' qorti, regolatur jew aġenzija governattiva, pereżempju, biex inkunu konformi ma' ordni tal-qorti jew biex inkunu konformi ma' liġi jew regolament applikabbli; jew
- investituri jew partijiet terzi rilevanti oħrajn fil-każ ta' bejgħ potenzjali jew tranżazzjoni korporattiva oħra rrelatata ma' CooperSurgical u/jew kwalunkwe Affiljat.

## E. TRASFERIMENTI INTERNAZZJONALI TAD-DATA PERSONALI

It-trasferiment tad-Data Personali tiegħek lil jew bejn l-Affiljati, fornituri tas-servizzi jew riċevituri oħrajn jista' jirrikjedi li d-Data Personali tiegħek tiġi mibgħuta barra miż-Żona

Ekonomika Ewropea ("**ŻEE**"), f'postijiet li jistgħu ma jipprovdux l-istess livell ta' protezzjoni bħal dawk fil-pajjiżi taż-ŻEE, inkluż f'pajjiżi terzi li mhumiex koperti b'deċiżjoni ta' adegwatezza tal-Kummissjoni Ewropea, inkluż f'pajjiżi bħal: l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Afrika t'Isfel

Madankollu, nistgħu nittrasferixxu d-Data Personali tiegħek barra miż-ŻEE biss:

- fejn it-trasferment huwa għal post jew b'metodu jew f'ċirkustanzi li jitqiesu mill-Kummissjoni Ewropea bħala li jipprovdu protezzjoni adegwata għad-Data Personali tiegħek;
- fejn aħna nkunu stabbilixxejna klawsoli standard ta' protezzjoni tad-data adottati mill-Kummissjoni Ewropea jew awtorità rilevanti għall-protezzjoni tad-data; jew
- fejn l-ebda waħda minn hawn fuq ma tapplika imma aħna xorta legalment għandna l-permess li nagħmlu dan, pereżempju jekk it-trasferiment huwa meħtieġ għat-twettiq ta' kuntratt konkluż megħek jew fl-interess tiegħek, jew għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali.

Inti tista' titlob aktar dettalji dwar is-salvagwardji li għandna stabbiliti fir-rigward tat-trasferimenti tad-Data Personali 'l barra miż-ŻEE u fejn hu applikabbli kopja tal-klawsoli standard ta' protezzjoni tad-data li għandna stabbiliti billi tikkuntattjana f': dpo@coopersurgical.com

## F. GĦAL KEMM ŻMIEN INŻOMMU MAĦŻUNA D-DATA PERSONALI?

Hija l-politika tagħna li nżommu d-Data Personali tiegħek għat-tul ta' żmien meħtieġ għall-fini speċifika jew finijiet speċifiċi li għaliha(hom) hija ġiet miġbura (pereżempju għat-twettiq ta' ftehim magħmul miegħek). Madankollu, aħna obbligati naħżnu xi Data Personali għal żmien itwal, meta jitqiesu fatturi li jinkludu:

- l-obbligu(i) legali taħt il-liġi applikabbli biex inżommu d-data għal ċertu perjodu ta' żmien (pereżempju l-konformità mar-rekwiżiti tat-taxxa u l-kontabilità);
- l-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali (pereżempju għall-finijiet ta' tilwima potenzjali).

Waqt li nkomplu nipproċessaw id-Data Personali tiegħek, aħna se niżguraw li qed tiġi ttrattata skont din il-Politika dwar il-Privatezza tad-Data. Inkella, aħna nħassru b'mod sigur jew nanonimizzaw id-Data Personali tiegħek ladarba ma tkunx aktar meħtieġa.

Jekk tkun tixtieq issir taf għal kemm żmien inżommu d-Data Personali tiegħek għal xi fini partikulari, tista' tikkuntattjana f': dpo@coopersurgical.com. Għal aktar informazzjoni dwar għal kemm żmien jinħażnu l-cookies, jekk jogħġbok irreferi għall-Politika dwar il-Cookies tagħna.

## G. AĦNA KIF NIPPROTEĠU D-DATA TIEGĦEK?

Aħna nirrikonoxxu li d-Data Personali tiegħek tista' tkun kunfidenzjali. Aħna nżommu l-kunfidenzjalità ta' u nipproteġu d-Data Personali tiegħek skont il-Politika dwar il-Privatezza tad-Data tagħna u l-liġijiet kollha applikabbli, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data 2016/679 ("**GDPR**").

Aħna implimentajna miżuri ta' sigurtà teknoloġiċi u operattivi sabiex nipproteġu d-Data Personali tiegħek minn telf, użu ħażin, jew tibdil jew qerda mhux awtorizzati. Tali miżuri jinkludu l-użu ta' firewalls, kriptaġġ, proċessi adatti ta' ġestjoni tad-dritt tal-aċċess, l-għażla bir-reqqa tal-proċessuri u miżuri tekniċi u kummerċjali raġonevoli oħrajn biex nipprovdu protezzjoni adatta għad-Data Personali tiegħek. Fejn hu adatt, aħna nistgħu wkoll nagħmlu kopji backup u nużaw tali mezzi oħrajn biex nimpedixxu l-ħsara aċċidentali jew il-qerda tad-Data Personali tiegħek. Dawn il-miżuri jiżguraw livell adatt ta' sigurtà fir-rigward tar-riskji inerenti fl-ipproċessar u n-natura tad-Data Personali li trid tiġi protetta.

Jekk jogħġbok innota madankollu li fejn inti tkun qed tittrasmetti l-informazzjoni lilna fuq l-internet qatt ma jista' jiġi ggarantit li dan huwa 100% sigur. Għal kwalunkwe ħlas li nieħdu mingħandek online aħna se nużaw sistema rrikonoxxuta ta' ħlas sigur online.

Aħna se ninnotifikawk minnufih fil-każ ta' kwalunkwe vjolazzjoni tad-Data Personali tiegħek li tista' tesponik għal riskji serji.

## H. ID-DRITTIJIET TIEGĦEK

It-taqsima li ġejja tispjega d-drittijiet tiegħek li inti tista' teżerċita. Id-drittijiet varji mhumiex assoluti u kull wieħed huwa soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet jew kwalifiki skont il-GDPR u dispożizzjonijiet oħrajn applikabbli b'mod ġenerali tal-liġi dwar il-privatezza tad-data.

- **Id-dritt li tkun infurmat** – inti għandek id-dritt li tiġi pprovdut b'informazzjoni ċara, trasparenti u li tiftiehem faċilment dwar kif aħna nużaw id-Data Personali tiegħek. Din hija r-raġuni għaliex qed nipprovdulek l-informazzjoni f'din il-Politika dwar il-Privatezza tad-Data u fi kwalunkwe avviż legali jew termini u kundizzjonijiet ipprovduti lilek.
- **Id-dritt tal-aċċess** – inti għandek id-dritt li tikseb mingħandna l-konferma dwar jekk id-Data Personali tiegħek hijiex qed tiġi pproċessata minna jew le, u dwar ċerta informazzjoni oħra (simili għal dik ipprovduta f'din il-Politika) dwar kif qiegħda tintuża. Inti għandek ukoll id-dritt li taċċessa d-Data Personali tiegħek, billi titlob kopja tad-Data Personali li tikkonċerna lilek. Dan sabiex inti tkun konxju u tista' tiċċekkja li aħna qed nużaw l-informazzjoni tiegħek skont il-liġi tal-protezzjoni tad-data. Aħna nistgħu nirrifjutaw li nipprovdulek l-informazzjoni fejn jekk nagħmlu hekk tkun żvelata data personali dwar persuna oħra jew li b'xi mod ieħor ikollu impatt negattiv fuq id-drittijiet ta' persuna oħra.

- **Id-dritt għar-rettifika** – inti tista’ titlobna nwettqu miżuri sabiex nikkoreġu d-Data Personali tiegħek jekk ma tkunx preċiża jew mhux kompluta (pereżempju jekk għalik għandna isem jew indirizz ħażin).
- **Id-dritt għat-tħassir** – dan huwa magħruf ukoll bħala ‘id-dritt li wieħed jintesa’ u, f’termini sempliċi, jippermettilek li titlob it-tħassir jew it-tneħħija tad-Data Personali tiegħek fejn, pereżempju, m’hemmx raġuni konvinċenti biex aħna nkomplu nżommuha jew l-użu tagħha huwa illegali. Dan madankollu mhuwiex dritt ġenerali għat-tħassir u hemm xi eċċezzjonijiet, pereżempju fejn neħtieġu nużaw l-informazzjoni biex niddefendu talba legali jew biex inkunu nistgħu nikkonformaw ma’ xi obbligu legali.
- **Id-dritt li tirrestrinġi l-ipproċessar** – inti għandek id-dritt li ‘timblokka’ jew trażżan l-użu tad-Data Personali tiegħek meta aħna nkunu qed nivvalutaw talba għar-rettifika jew bħala alternattiva għat-tħassir. Meta l-ipproċessar huwa ristrett, aħna xorta nistgħu naħżnu d-Data Personali tiegħek, imma ma nkunux nistgħu nużawha aktar.
- **Id-dritt għall-portabilità tad-data** – inti għandek id-dritt li tikseb u tuża mill-ġdid ċerta Data Personali għall-finijiet tiegħek stess ma’ organizzazzjonijiet differenti (li huma kontrolluri tad-data separati). Dan japplika biss għad-Data Personali tiegħek li inti pprovdejtilna u li qed nipproċessaw bil-kunsens tiegħek u għall-finijiet tat-twettiq ta’ kuntratt, li qed tiġi pproċessata b’mezzi awtomatizzati. F’każ bħal dan aħna nipprovdulek kopja tad-data tiegħek f’format strutturat, użat komunement u li jista’ jinqara minn magna jew (fejn hu teknikament fattibbli) nistgħu nittrasmettu d-data tiegħek direttament lil kontrollur tad-data separat.

  **Id-dritt li toġġezzjona** – inti għandek id-dritt li toġġezzjoni għal ċerti tipi ta’ pproċessar, għal raġunijiet irrelatati mas-sitwazzjoni partikulari tiegħek, fi kwalunkwe ħin sakemm dak l-ipproċessar iseħħ għall-finijiet ta’ interessi leġittimi segwiti minn CooperSurgical, kwalunkwe Affiljat jew minn riċevitur tad-data. Aħna nitħallew inkomplu nipproċessaw id-Data Personali jekk nistgħu nuru raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tiegħek jew li aħna neħtieġu dan għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali. Jekk inti toġġezzjona għall-ipproċessar tad-Data Personali tiegħek għall-finijiet ta’ marketing dirett, aħna ma nipproċessawx aktar id-Data Personali tiegħek għal tali finijiet.
- **Id-dritt li tirtira l-kunsens** – fejn aħna nipproċessaw id-Data Personali tiegħek abbażi tal-kunsens tiegħek, inti għandek id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin. Madankollu, tali irtirar ma jaffettwax il-legalitá tal-ippoċessar li seħħ qabel tali irtirar.

## I. KIF TIKKUNTATTJANA

Jekk tixtieq titlob aktar informazzjoni jew teżerċita kwalunkwe wieħed mid-drittijiet t’hawn fuq, jew jekk inti mdejjaq bil-mod kif aħna ttrattajna d-Data Personali tiegħek, ikkuntattja l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tagħna f’: dpo@coopersurgical.com.

Qabel nivvalutaw it-talba tiegħek, nistgħu nitolbu informazzjoni addizzjonali sabiex nidentifikawk. Jekk ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba u, bħala riżultat, ma nkunux f'pożizzjoni li nidentifikawk, nistgħu nirrifjutaw li nazzjonaw it-talba tiegħek.

Ġeneralment, aħna nwieġbu għat-talba tiegħek fi żmien xahar minn meta nirċievu t-talba tiegħek. Nistgħu nestendu dan il-perjodu b'xahrejn addizzjonali jekk dan huwa meħtieġ meta tqis il-kumplessità u n-numru tat-talbiet li inti ssottomettejt.

Ma niċċarġjawkx ħlas għal tali komunikazzjonijiet jew azzjonijiet li nwettqu, ħlief:

- jekk titlob kopji addizzjonali tad-Data Personali tiegħek li qed isirilha l-ipproċessar, imma f'dan il-każ nistgħu niċċarġjawk għall-ispejjeż amministrattivi raġonevoli tagħna, jew
- tissottometti talbiet manifestament bla bażi jew eċċessivi, b'mod partikulari minħabba l-karattru repetittiv tagħhom, u f'dan il-każ nistgħu jew niċċarġjawk għall-ispejjeż amministrattivi raġonevoli tagħna jew nirrifjutaw li naġixxu rigward it-talba.

Jekk m'intix sodisfatt bit-tweġiba tagħna għall-ilment tiegħek jew temmen li l-ipproċessar tagħna tad-Data Personali tiegħek mhuwiex konformi mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, inti tista' tirreġistra lment mal-awtorità rilevanti għall-protezzjoni tad-data. L-Ispettur Ġenerali għall-Protezzjoni tad-Data Personali (*Datatilysnet*), jew is-suċċessur tiegħu, huwa l-awtorità għall-protezzjoni tad-data fid-Danimarka.